# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 16/2025**

Data: It-Tlieta 18 ta' Frar 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni (17:57hrs) | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti (17:49hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

16.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

16.2 MINUTI

16.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

16.4 KORRISPONDENZA

16.5 PLANNING AUTHORITY

16.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

16.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

16.8 MISTOQSIJIET

16.9 MOZZJONIJIET

16.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

16.11 FINANZI

16.12 TRAFFIC MANAGEMENT

16.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

16.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

16.15 STAFF

16.16 PURCHASE REQUEST FORM

16.17 ĦLASIJIET

16.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 16.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**16.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 16.2 MINUTI

**16.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7078/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti ta' laqgħa 15/2025 bid-data 22 ta' Jannar 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**16.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.4 KORRISPONDENZA

**16.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun hemm karozzi bil-kameras armati fuq is-soqfa jduru fil-lokalità tal-Fgura, sabiex jieħdu r-ritratti minħabba 'data capture exercise' li ser ikun qiegħed isir mill-1 ta' Marzu 2025 minn 'Digitarca' li ġew imqabbda mill-Uffiċċju Elettorali. Is-Sindku qara l-korrispondenza li tinsab annessa bħala 'Dok A'. Il-Kunsill approva.

## 16.5 PLANNING AUTHORITY

**16.5.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**16.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill reġa rċieva l-iskema sabiex jiġu restawrati siti ta' patrimonju storiku li l-Kunsill jistà japplika għaliha. Il-Kuns C Bonello qal li jrid jiġi deċiż għal liema siti l-Kunsill jistà japplika, u qal ukoll li hemm applikazzjoni pendenti tal-Kunvent fejn għandu jiġi mitlub biex il-Kunsill jara x'sar minnha din l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma sema xejn minn naħa tagħhom rigward dan. Il-Kuns C Bonello qal li għandha ssir talba sabiex tiġi rrestawrata l-istatwa li hemm mal-faċċata tal-Knisja, però jridu jiġu ċċekkjati l-kundizzjonijiet ta' din l-iskema qabel ghax ħafna drabi jiġi mitlub li s-sit li ser jiġi rrestawrat ikollu ħamsin sena jew iżjed.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7079/25/9** 'Sabiex il-Kunsill Lokali japplika għal skema ta' siti ta' Patrimonju Storiku li jeħtiegu restawr.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-Budget ta' din is-sena, il-Gvern ħabbar miżura dwar is-saħħa mentali, fejn qal li huwa jisħaq ħafna kemm hu mportanti li nieħdu ħsieb is-saħħa mentali. Is-Sindku qal li l-Kunsill applika sabiex isiru xi sessjonijiet fis-sala tal-Kunsill, dejjem jekk din l-applikazzjoni tiġi milqugħa. Fir-rigward ta' suġġerimenti dwar ħtiġijiet oħra relatati ma' din il-miżura, is-Sindku qal li l-Kunsill niżżel ukoll il-vjolenza domestika. Il-Kunsill approva.

**16.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ġew iċċekkjati l-iskemi ta' 2025 fejn qal li fuq armar tal-Milied il-Kunsill mhux imniżżel u li huwa mniżżel fuq attivitajiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7080/25/9** Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-iskema SPI.SCI.04.2025 Espressjoni ta' nteress 2025 sabiex norganizzaw l-attività Il-Pjazza fil-Milied 2025.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.6.4** Is-Sindku nforma l-kamra li ser terġa ssir l-iskema tal-'clean up day', fejn ippropona li ssir mill-'girl guides' kif ukoll ma' l-'iscouts' u għaldaqstant, il-Kunsill għandu jikkomunika magħhom. Is-Sindku qal li s-somma li jieħu lura l-Kunsill hija ta' massimu ta' €1,500, fejn l-ewwel jintnefqu mill-Kunsill u wara jiġu mgħotija lura skond l-affarijiet li jkunu intnefqu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7081/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-iskema SPI.SCI.03.2025 Inizjattivi Finanzjarji - Lokalitajiet aktar nodfa 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.6.5** Is-Sindku nforma l-kamra li rigward l-iskema ta' l-attivitajiet kulturali, ingħatat estenzjoni u għaldaqstant id-data ta' l-għeluq minn Marzu 2025 ġiet estiża għal Mejju 2025, peress li l-attività ser tkun qed issir f'April 2026.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7082/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-iskema SPI.SCI.02.2025 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali sabiex norganizzaw il-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka 2026 li ser issir fit-2 t'April 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**16.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li attenda għall-'press conference' ta' Vjal Kulħadd fejn qal li l-Fgura kienet waħda mill-ewwel lokalitajiet għall-'phase 1' u li jridu jiġu mitkellma 'Infrastructure Malta' biex jiġu mgħarrfin it-'timeframes' sabiex il-Kunsill ikollu pjan dettaljat ta' kif ser jimxu l-affarijiet u anke jiġi mistoqsi x'hemm bżonn li jiġi ppreparat minn naħa tal-Kunsill bħala 'traffic management'. Is-Sindku qal ukoll li għandha titwessa Triq il-Foss, li għandha tinbena Vjal Kottoner, u li miexi b'ritmu tajjeb ix-xogħol ta' l-'Enemalta' fi Triq il-Karmnu u l-kumplament tat-toroq.

**16.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li sar l-ewwel 'meeting' tal-Kunsill tat-tfal, fejn b'dispjaċir qal li n-numru ta' tfal preżenti kien ta' tnejn. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk jistgħux jiġu kkuntattjati l-għaqdiet. Is-Sindku qal li huma bagħtu lill-iskejjel. Il-Kuns M Lombardo ppropona l-'iscouts', il-'girl guides' u l-għaqdiet tal-futbol peress li dawn kollha għandhom it-tfal. Is-Sindku qal li dan jistà jsir billi jikkuntattjawhom huma. Is-Sindku qal li meta t-tfal staqsew lil tfal oħra l-iskola bdew ituhom suġġerimenti però bdew jistħu biex jiġu. Is-Sindku qal ukoll li huwa personalment kien preżenti għall-laqgħa li saret u dawn iż-żewġ itfal ma jistħux u jħobbu jitkellmu. Il-Kuns J Scicluna staqsiet kif intagħżlu t-tfal, fejn għal dan is-Sindku wieġeb li m'hemmx għażla u kemm jiġu, jidħlu. Is-Sindku qal li bħala ħin jagħmlu siegħa u l-etajiet huma sa sittax il-sena. Is-Sindku kompla billi qal li beda jistaqsihom x'jixtiequ jaraw fil-lokalità tal-Fgura, u peress li huma jiffrekwentaw l-'area' ta' fejn l-iskola, ġie mistoqsi lilhom jekk għoġbuhomx it-twapet li kienu saru, fejn qalu li għoġbuhom ħafna. Huwa qal ukoll li waħda mit-tfal qalet li qed ikun hemm problema, għax waqt il-ħin ta' qabel l-iskola ikun hemm ħafna tfal u mhux kulħadd ikollu ċ-ċans li jużahom, u għaldaqstant it-tfal qalu li jixtiequ li jsir ieħor. Is-Sindku qara mozzjoni li għamlu t-tfal annessa bħala 'Dok B'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7083/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-budget ta' €2000 għall-bżonnijiet li jkollu bżonn il-Kunsill tat-tfal'.

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ġew allokati xi flus għal fuq l-'item' 'community' biex tkun tistà tingħata għajnuna lill-għaqdiet. Is-Sindku qal ukoll li ntbagħtet ittra lill-għaqdiet kollha biex jibgħatu l-pjan ta' ħidma għall-2025 sabiex il-Kunsill ikun jistà jara kif ser jiġu mqassma l-€20,000 bejn l-għaqdiet li jkunu ntreressati li jibgħatu l-pjan ta' ħidma tagħhom. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill irċieva lura mingħand l-għaqdiet tal-ħamiem, tal-boċċi, tal-futbol u ta' l-'iscouts'. Is-Sindku qara l-ittra li ġiet riċevuta mill-għaqda tal-ħamiem annessa bħala 'Dok C' u dik mill-għaqda tal-futbol annessa

bħala 'Dok D'. Is-Sindku qara wkoll l-ittra mingħand l-għaqda ta' l-'iscouts' annessa bħala 'Dok E'. Il-Kuns C Bonello qal li fl-opinjoni tiegħu jara t-talbiet kollha kemm jiswew u jingħata l-persentaġġ li ser jiġu mgħotija 'by proportion' għall-'budget' ta' €20,000. Is-Sindku qal li qed jara fejn il-Kunsill jistà jiffranka. Il-Kuns M Lombardo qal li l-aħjar hu li l-Kunsill jara t-talbiet kollha li jiġu riċevuti u wara jitressqu l-proposti ta' l-għaqdiet kollha f'daqqa. Il-Kuns J Scicluna qablet ma' dan ukoll. Il-Kuns C Bonello qal li għandha tiġi estiża d-data sa tliet ijiem qabel id-data tal-laqgħa li jmiss għax hemm xi għaqdiet li għadhom ma applikawx. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat din l-estenzjoni. Il-Kunsill approva.

## 16.8 MISTOQSIJIET

**16.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.9 MOZZJONIJIET

**16.9.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-'workshop' ta' isfel ħa dehra differenti u hemm Kunsilli oħra li qed jaħdmu fih ukoll bħall-Kunsill ta' Raħal Ġdid. Is-Sindku qal li għad baqa x'jiġi investit fil-'workshop'għax huwa inġust li l-ħaddiema jġibu l-għodda taghhom, u li l-Kunsill għandu jkun armat bl-għodda kollha. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ġab kwotazzjoni ta' l-għodda.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7084/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jixtri l-għodda mniżżla fil-kwotazzjoni annessa biex jibda jintrama l-garaxx ta' isfel għas-somma ta' mhux aktar minn €1909.22 (VAT inkluż).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**16.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.11 FINANZI

**16.11.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ser jgħaddi kopja tal-'budget' lill-membri tal-Kunsill peress li ġew imressqin l-€20,000 li kien diġà

rrefera għalihom aktar kmieni fil-laqgħa. Is-Sindku spjega kif ġew imressqa l-ammont ta' flus mill-'budget' tiegħu għal fuq l-'item' 'community' għall-għaqdiet, peress li dawn jaqgħu taħtu.

## 16.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**16.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill staqsa lill-'Enemalta' meta ser jiġu nstallati 'charging pillars' u huma bagħtu lura r-risposta tagħhom. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok F'. Is-Sindku qal li dawn għandhom jerġgħu jibgħatu sabiex jibdew jinstallaw 'charging pillars' fejn kien sar il-qbil.

**16.12.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta applikazzjoni ta' 'unloading bay' għal tliet siegħat darba fil-ġimgħa mill-każin tal-Partit Laburista. Is-Sindku qara l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat taċ-Ċentru Laburista Fgura annessa bħala 'Dok G'. Wara diskussjoni, din it-talba ġiet imressqa għall-vot. Il-Kunsill m'approvax din it-talba b'vot wieħed favur, 6 voti kontra u astenzjoni waħda. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Kuns J Scicluna

Kontra – Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Kuns A Tanti

**16.12.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7085/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jibda l-proċess biex Triq Wistin Levanzin issir one way direzzjoni lejn Triq tal-Gallu.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.4** Is-Sindku nforma l-kamra li reġà tkellem resident partikolari miegħu li dan kien talab biex isiru żewġ bollards fi Triq Mater Boni Consili, fejn il-Kunsill kien approva li ssir bollard waħda. Is-Sindku qal li n-naħa l-oħra wkoll qed jipparkjawlu l-vetturi u għaldaqstant wara diskussjoni, ġie mistoqsi lill-membri tal-Kunsill jekk għandhomx jitwaħħlu dawn il-bollards. Il-Kunsill approva.

## 16.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**16.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li tlestew Triq is-Summiena, Triq il-Pitirross u Triq l-Għasfur tal-Bejt, fejn qal li l-kuntrattur kellu jieqaf u kellhom jiġu mkellma 'Infrastructure Malta'. Is-Sindku qal li l-ispejjeż li l-Kunsill kien ser ikollu mal-kuntrattur issa ġew

elevati minn fuqu, ħadhom il-Gvern u ser iħallashom. Is-Sindku qal ukoll li fadal xi kwistjonijiet fuq il-bankini mal-kuntrattur li kien hemm qabel, fejn qal li ltaqa mal-perit u għamillu lista ta' xi jrid jagħmel u ser jingħata 'deadline' sa meta jrid jagħmilhom. Is-Sindku qal li għad irid jitħallas ta' certu affarijiet mill-Kunsill u jridu jsiru xi testijiet fuq bankini minnhom li x'aktarx mhux tajbin, fejn ma jitħallasx tagħhom. Huwa kompla billi qal li talbu li jara fejn kien hemm tarmak iktar għoli minn kemm suppost, jara xi spiża kien hemm sabiex titnaqqas mill-kont ukoll. Il-Kuns M Lombardo staqsa min huwa responsabbli jekk jinqalgħu xi problemi, bis-Sindku jwieġeb li huma 'Infrastructure Malta'. Is-Sindku qal li ser jiltaqgħu ma' 'Infrastructure Malta' sabiex jingħataw gwida tat-toroq li għandhom isiru, bħal Triq il-Merħba, Triq 14 ta' Diċembru 1945 u Triq il-Karmnu. Rigward dawn it-toroq, is-Sindku qal ukoll li ser tinġieb skeda ta' meta ser jibdew dawn it-toroq sabiex il-Kunsill ikun jistà jibda javża fuq il-paġna tal-midja soċjali u anke minħabba l-permessi. Wara diskussjoni, is-Sindku talab li jintbagħat lill-perit ta' 'Infrastucture Malta' sabiex minn naħa tagħhom jipprovdu skeda tax-xogħolijiet kollha fil-Fgura, li turi kif dawn ser isiru.

Il-Kuns R Deguara ħareġ mill-kamra fis-18:26.

## 16.14 PROGRESS TA' HIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**16.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li ser tipproponi li ssir attività ghal Jum il-Mara li ssir il-Ġimgħa 7 ta'Marzu 2025 filgħaxija, fejn jingħataw 'tokens' ta' ringrazzjamenti lill-disà nisa mill-Fgura li jiġu nnominati mill-membri tal-Kunsill, peress li ser tkun qed titlob li kull Kunsillier sabiex jagħżel mara li għamlet xi tip ta' kontribut lill-lokalità tal-Fgura u li jaħsbu li jixraqilha ringrazzjament għall-ħidma tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li r-risposti għan-nominazzjonijiet għandhom jintbagħtu sad-'deadline' minħabba li jridu jiġu ordnati it-'tokens', u li flimkien ma' l-isem għandha tingħata wkoll informazzjoni fuq il-persuna nnominata. Il-Kuns J Scicluna kompliet tgħid li hija tixtieq li dakinhar ta' l-attività, kull membru tal-Kunsill li jkun innomina persuna, jagħti t-'token' ta' ringrazzjament huwa stess lill-mara nnominata flimkien mas-Sindku u mal-Kuns J Scicluna. Hija qalet ukoll li jekk xi membru tal-Kunsill ikun assenti għall-attività, it-'token jingħata xorta waħda minnha u mis-Sindku u jingħad li r-rikonoxximent ġej mingħand dak il-Kunsillier partikolari. Il-Kuns J Scicluna qalet li apparti dawk id-disà nisa, ser iżżid xi nisa oħra hija stess bħaż-żewġ nisa li rrappreżentaw lill-Fgura bħala 'Miss Fgura', u li f'din l-attività ser ikun hemm riċeviment zgħir, kantanta u wkoll

kelliema, bi spiża li ma taqbiżx l-€1000. Hija żiedet tgħid li ser tkun qed tgħaddi l-programm ta' l-attività aktar 'il quddiem, u li anke ser tipprova ġġib xi 'sponsors'.

Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7086/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova attivita` ghal Jum il-Mara fis-7 ta' Marzu 2025. F'din l-attivita` jingħata ringrazzjament lill-nisa li huma mill-Fgura u li għamlu xi tip ta' unur għal Fgura jew xi għajnuna lil residenti tal-lokal tagħna. Waqt din l-attività ser nistiednu kelliema u xi nisa, ser ikollna kantanta u ser nagħmlu reception zgħir wara. Spiża ta' mhux aktar minn €1000. Nisà fis-Socjetà.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward ta' progress ta' ħidma, hija u s-Sindku kellhom laqgħa fil-ministeru ta' Trasport fejn tkellmu magħhom rigward il-karozza tal-linja li kien sar qbil fuqha. Il-Kuns J Scicluna qalet li tkellmu wkoll rigward numru ta' karozzi tal-linja oħra li r-residenti tal-Fgura qed isibu diffikultajiet dwarhom fosthom dawk li jmorru l-isptar bir-rotot numri 120 u 204 li jgħaddu mill-Fgura. Hija żiedet li għaddew xi suġġerimenti wkoll minħabba l-karozza tal-linja bir-rotta numru 2 kif ukoll minħabba toroq oħra li ma jgħaddux karozzi tal-linja minnhom. Rigward il-karozza tal-linja għall-Birgu, il-Kuns J Scicluna qalet li ser tiġi diskussa minn naħa tagħhom.

**16.14.3** Il-Kuns J Sicluna qalet li fir-rigward tal-vann tal-Kunsill intbagħtu l-emails fejn saru diskussjonijiet, u li minn naħa tagħha kkomunikat ma' l-aġent tal-vann fejn dan ma jagħmilx l-installazjoni tat-'tail lift'. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li hemm garaxxijiet oħra li jinstallaw it-'tail lift' fejn ikun hemm il-bżonn li l-vann jittieħed hemm, tinġieb stima u jsir ir-rapport ta' l-inġinier. Wara diskussjoni, is-Sindku talab biex tinstab ġurnata fejn il-vann jittieħed għand 'Burmarrad Commercial' li qiegħed il-Marsa sabiex jiġi ċċekkjat jekk jistax issirlu t-'tail lift'. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li jekk dakinhar il-vann jittieħed filgħodu mhux ser ikun qiegħed jiġi offrut servizz mill-Kunsill u għaldaqstant għandu jiġi avżat minn ġimgħa qabel meta ser ikun qed jittieħed. Il-Kuns J Scicluna qalet li qabel issir, il-Kunsill għandu jara kemm ser tkun l-ispiża u jiċċekkja ma' 'Transport Malta' peress li ġieli jkun hemm skemi apposta li l-Kunsill ikun jistà japplika għalihom.

**16.14.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li kienet għaddiet mozzjoni ref: 7069/25/9 'Sabiex dan il-Kunsill japprova sessjoni b'xejn mingħand

Transport Malta fuq 'Road Safety' mingħand il-Perit Audrey Demicoli li jsiru fil-Kunsill Lokali. Dekasteru Trasport Pubbliku', biex jiġu xi kelliema jitkellmu rigward kif għandhom joqgħodu attenti n-nies fit-triq, u li din mhux ser issir.

**16.14.5** Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tal-mozzjoni fuq is-'self defense' tkellmet mal-Kuns A Tanti, fejn aċċetta li ssir flimkien peress li tidħol parti minn sports. Il-Kuns J Scicluna kompliet tgħid li marru flimkien jaraw il-post fejn ser isir u qegħdin jaraw sabiex isibu ġranet li fihom ikun jistà jsir is-'self defense'.

**16.14.6** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-karnival 2025 li ser isir fit-2 ta' Marzu 2025, il-preparamenti huma kważi konklużi, u li għad fadal jiġu konklużi l-'insurance' u l-permessi ma' Transport Malta u mal-LESA. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li wara laqgħa li kellu maż-żewġ skejjel, ġiet konkluża l-għajnuna li ser tingħata liż-żewġ skejjel għall-attività li ser issir fl-iskola relatata mal-karnival. Huwa żied jgħid li din l-attività ser isir fit-28 ta' Frar 2025 u li l-ħin ser jiġi kkomunikat ma' kulħadd mill-Kunsill aktar tard.

**16.14.7** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' l-inizjattiva tal-karnival għat-tfal, tqassmu l-'flyers' fl-iskejjel u r-reklamar qed isir ukoll, fejn fadal biss li jiġi mistenni r-rispons tat-tfal.

**16.14.8** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka 2025, il-preparamenti għaddejjin u ser ikun qed jagħti aġġornament dettaljat fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7087/25/9** 'Sabiex tiġi vvutata s-somma addizzjonali ta' €5000 għall-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka 2025. Dan barra l-iskema mgħotija mill-Gvern u fondi oħrajn diġa approvati.'
Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.9** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' skambju / ġemellaġġ kellu laqgħa ma' Dr Ivana Legname flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fejn tkellmu dwar il-possibbiltà ta' ġemellaġġ jew ftehim jew proġett ma' lokalità fi Sqallija, peress li hi tiffoka fuq Sqallija u qegħda parti minn fondazzjoni 'Focus Europe'. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li ser issir konferenza fi Brussell f'April fejn għad iridu jaraw l-istedina f'hiex ser tkun tikkonsisti.

**16.14.10** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7088/25/9** 'Sabiex issir il-Wirja tal-Gimgħa Mqaddsa fil-binja tal-Kunsill Lokali bi spiża ta' €3500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.11** Il-Kuns C Bonello qal li qed jipproponi li ssir pubblikazzjoni marbuta mal-attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira fil-lokal, fejn dan ikun jinkludi fost l-oħrajn ġabra ta' nformazzjoni dwar il-wirjiet kollha, l-attività tal-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka, il-funzjonijiet tal-Knisja u attivitajiet oħra fost oħrajn marbuta ma' dawn it-tifkiriet.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7089/25/9** 'Sabiex issir il-pubblikazzjoni marbuta mal-attivitajiet/wirjiet tal-Gimgħa Mqaddsa bi spiża ta' €3000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.12** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' l-iskema tas-siġar, qed jiġi stabbilit minn fejn ser jinġiebu dawn is-siġar taċ-citru u jiġu identifikati postijiet fejn dawn jistgħu jitħawlu.

**16.14.13** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' skedar ta' postijiet strateġiċi fil-Fgura, f'dan l-istadju qed jipproponi li jiġu skedati dawn is-siti: in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Karmnu, il-Way Marker ta' Triq il-Karmnu, in-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja fi Triq il-Karmnu u l-arkata antika li hemm fi Triq il-Karmnu faċċata ta' Triq il-Klerku. Il-Kuns C Bonello qal li dawn is-siti qed jiġu proposti wara li ma rċieva l-ebda proposta oħra mill-membri tal-Kunsill.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7090/25/9** 'Sabiex il-Kunsill japplika għall-iskedar fi grad 1 jew 2 ta' dawn is-siti: in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, il-Way Marker, in-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja u l-arkata tar-razzett faċċata ta' Triq il-Klerku. Dawn is-siti kollha jinsabu fi Triq il-Karmnu.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.14** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' Skemi tas-'SEM', kellu laqgħa mal-aġenzija 'SEM' u ż-żewġ skemi li ppropona sabiex jiġu applikati, il-Kunsill ma jikkwalifikax għalihom.

**16.14.15** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' skemi maħruġa mid-Dipartiment, qed jipproponi li l-iskema għall-attivitajiet kulturali, il-Kunsill japplika għall-attività tal-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka 2026 u l-iskema għall-attivitajiet tal-Milied, il-Kunsill japplika għal Pjazza fil-Milied 2025.

**16.14.16** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-bust ta' Patri Timotju, fil-ġranet li ġejjin ser jitqiegħed il-bażi tal-monument u li qed jipprova jsib fondi sabiex possibilment dan il-bust isir fil-bronż minflok fil-'fibreglass'.

**16.14.17** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7091/25/9** 'Sabiex jinxtraw tokens għal dawk l-għaqdiet u individwi li ser jarmaw wirja jew attività marbuta mal-Gimgħa Mqaddsa bi spiża ta' €400.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.18** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7092/25/9** 'Sabiex issir Wirja Ħiliet il-Fgurin għall-perjodu ta' Settembru/Ottubru 2025 bi spiża ta' €3500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.14.19** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li fix-xahar ta' Frar kompla bil-ħidma ta' l-'app' bħala l-akbar proġett fil-lokalità tal-Fgura, u li mal-kumpanija ta' qabel ma kienx hemm qbil fuq kif kien id-'demo'. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal ukoll li huwa u s-Sindku sabu kumpanija tajba ħafna li tagħmel dawn it-tip ta' affarijiet, u għaldaqstant ser jiltaqgħu ma' 'CEO' ta' din il-kumpanija sabiex jaraw 'prototypes' u affarijiet bħal dawn.

**16.14.20** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li fir-rigward tal-kors ta' 3D printing, ma kienx hemm qbil mal-kumpanija ta' qabel ukoll però nstab xi ħadd ġdid li mhux biss jagħmel 3D printing imma wkoll robotika, għaldaqstant jistgħu jsiru kemm kors ta' 3D printing u anke kors tar-'robotics'.

**16.14.21** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Ellul sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward tal-'water catchment' ta' Triq il-Kampanella ma Triq is-Sur, tlestew id-disinni minn naħa tal-perit u saret l-applikazzjoni għand il-'Public Works' sabiex isiru x-xogħolijiet. Il-Kuns R Ellul qal ukoll li fadal li ssir laqgħa fuq il-post u jinġieb 'bowser' ilma sabiex jiġi mifhum eżatt fejn qed taqleb it-triq għax jidher li l-'culverts' eżistenti mhux qed ilaħħqu jew mhux qegħdin tajjeb.

**16.14.22** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' Vjal Kottoner qed jistenna informazzjoni mingħand Infrastructure Malta meta ser jibda x-xogħol.

**16.14.23** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' Triq is-Sur kantuniera ma' Triq Valperga, id-disinn tal-parkeġġ il-ġdid u l-madwar huwa lest, liema disinn ġie sottomess għand il-'Public Works' biex isir ix-xogħol minn naħa tagħhom. Il-Kuns R Ellul qal ukoll li bħala disinn jinkludi wkoll il-pjazzetta li hemm u peress li ser tiġi ristrutturata ż-żona kollha, il-parkeġġi fil-madwar ser jiżdiedu għal iktar minn 40 parkeġġ.

**16.14.24** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' 'Traffic Management', intbagħat id-disinn lil 'Transport Malta' għall-'clearance' minn naħa tagħhom u għadu qed jistenna mingħandhom. Il-Kuns R Ellul qal ukoll li t-toroq huma Triq il-Merħba, Triq il-Grawwa, Triq Sant'Elija, Triq Louis Scicluna, Triq l-Iskola, Triq tal-Klerku, Triq Velleran, Triq ir-Rgħajja, Triq il-Ward tax-Xemx, Triq Kampanella, Triq Censu Busuttil u Pjazza Patri Redent Gauci.

**16.14.25** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward tas-'soft areas' tat-triq prinċipali, għamel 'meeting' mal-perit fejn ġie diskuss il-fatt fejn il-bankini, speċjalment fil-kantunieri, sabiex minflok konkos jiġu kkonvertiti f'soft areas bil-ħamrija, bħal kantuniera ta' fejn 'Tip Top', kantuniera Triq Zabbar ma' Triq San Pietru (l-erbà kantunieri), kantuniera Triq Zabbar ma' Triq ir-Riħan (l-erbà kantunieri), kantuniera Triq Zabbar ma' Triq il-Ġiżi, kantuniera Triq Zabbar ma' Triq San Mikiel (l-erbà kantunieri), Triq it-Tagħlim ma' Triq is-Sur (fejn l-iskola) u jiżdiedu 'soft areas' fi Triq Mahatma Gandhi speċjalment l-'area' tal-'housing estate'. Il-Kuns R Ellul qal ukol li qed jiġu ddisinjati pjanti sabiex jitkomplew ma' l-istess tal-pjanti sottomessi ta' l-'islow streets'.

**16.14.26** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' Triq is-Summiena, Triq il-Pitirross u Triq l-Għasfur tal-Bejt, ix-xogħol jinsab lest wara li kien hemm diversi problemi bil-kuntrattur preżenti tant li kellu jidħol il-Gvern Ċentrali u għamilha tramite 'Infrastructure Malta'.

**16.14.27** Il-Kuns R Ellul qal li rigward it-'timed parking', ir-rapport qiegħed 'on hold' minn naħa tiegħu ghax minn informazzjoni li ghandu jidher li hemm xi kwistjonijiet u taħdidiet jekk hux ser jibqa jsir f'lokalitatjiet oħra. Il-Kuns R Ellul qal ukoll li kif tiġi ċċarata din il-pożizzjoni jkun jistà jippreżentah fuq il-mejda tal-kamra.

**16.14.28** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' Triq ir-Riħan ma' Triq Mater Boni Consili, tkellem mal-perit sabiex jara jekk il-fetħa li hemm wara li titla minn Triq ir-Riħan hijiex privata jew inkella art pubblika. Il-Kuns R Ellul qal li jekk hija art pubblika ser ikun qiegħed jibda taħdidiet sabiex dik iż-żona tiġi riġenerata.

## 16.15 STAFF

**16.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta ittra ta' riżenja mis-Sa Ritianne Bonnici. Is-Sindku qara l-ittra annessa bħala 'Dok H'. Is-Sindku qal li jemmen li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament tax-xogħol li għamlet, għax kienet pedina importanti fil-Kunsill Lokali tal-Fgura.

Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiza l-laqgħa fis-19:13, minħabba protezzjoni tad-data.

Wara diskussjoni, is-Sindku talab sabiex titkompla l-laqgħa fis-19:23.

Is-Sindku qal li l-Kunsill approva li dak li hemm dovut lis-Sa Bonnici għandu jingħatalha. Is-Sindku qal ukoll li ser jibda mal-ewwel il-proċess sabiex tinfetaħ is-sejħa għal Assistent Prinċipal ('Administration Officer II').

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7093/25/9** Sabiex dan il-Kunsill joħroġ sejħa għall-Assistent Prinċipal (Administrative Officer) fi skala 11.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7094/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' dawn il-5 studenti biex jagħmlu 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura. L-ismijiet ta' l-istudenti jinsabu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.16 PURCHASE REQUEST FORM

**16.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7095/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Frar 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.17 ĦLASIJIET

**16.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7096/25/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 16/01/2025 sa 11/02/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.18 AĠĠORNAMENT

**16.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:30hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 18 ta' Frar, 2025

"Google Maps" 'Dok A' 3.

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Tuesday, 11 February 2025 20:40 |
| **To:** | Carabott Keith 1 at Electoral Office; Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Handyside James at Electoral Office; Ellul Jeffrey at Electoral Office; Pulo Simon 2 at Electoral Office; Camilleri Joseph B at Electoral Office; Mallia Noreen at Electoral Office; digitarca@gmail.com; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; clayton |
| **Subject:** | RE: Notification of Building Data Capture Exercise in Fgura (1st of March) |

Dear All

Many thanks for your e mail.

This will be communicated to the locals by means of the Fgura Local Council social media and during the Local Council meeting next week.

Best regards


Gwenith Calleja
Executive Secretary

FGURA LOCAL COUNCIL

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Carabott Keith 1 at Electoral Office <keith.carabott.1@gov.mt>
**Sent:** Tuesday, 11 February 2025 08:18
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Handyside James at Electoral Office <james.handyside@gov.mt>; Ellul Jeffrey at Electoral Office <jeffrey.ellul@gov.mt>; Pulo Simon 2 at Electoral Office <simon.pulo.2@gov.mt>; Camilleri Joseph B at Electoral Office <joseph.b.camilleri@gov.mt>; Mallia Noreen at Electoral Office <noreen.mallia@gov.mt>; digitarca@gmail.com
**Subject:** Notification of Building Data Capture Exercise in Fgura (1st of March)

Attn Fgura Local Council,

I hope you are well.

I am writing to inform you of an upcoming nationwide building data capture exercise that will be carried out by Digitarca who have been engaged by the Electoral Office. This exercise will initiate in the locality of Fgura on the 1st March, 2025. This project will involve the use of cameras mounted on electric vehicles to capture detailed images of building units for data collection purposes.

The goal of this exercise is to gather accurate and comprehensive data that will form the basis of the National Address Register in line with the Once-Only Principle and the Strategy Malta Digitali 2022-2027.

The vehicles used for this project are fully electric, ensuring that the exercise has a minimal environmental footprint. The cameras mounted on the vehicles will capture images of the buildings, streets and public spaces within the area and the process will be conducted in full compliance with privacy and safety regulations including Data Protection regulations.

We anticipate minimal disruption to the residents but we wanted to inform the Local Council so that it is aware of the activity and can assist with communicating this information to local residents through the use of the council's social media channels.

Should you have any questions or need further information, please do not hesitate to contact us. We appreciate your support and understanding in this matter.

Thank you for your attention.

Best regards,
Keith Carabott

Keith Carabott
ICT Executive
Electoral Office

t +356 25583143 e keith.carabott.1@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

OFFICE OF THE ELECTORAL COMMISSION
COUNTING COMPLEX, EX. TRADE FAIR GROUNDS
NAXXAR, MALTA

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

'Dok B'

**MOZZJONI** 01/1/2025

Numru: sabiex dan il-kunsill tat-tfal jagħmel tapit ieħor fuq il-bankina ta' Triq Is-Sur ħdejn l-iskola. Hekk kif inhu aness

Proponent

Jena Cassar

EMENDI/ADDENDA

Sekondant

Carmen Frechoso Consiglio

Għall-użu tal-Uffiċċju

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv ______/______/______

______________________

'Dok C'

Data: 20ta' Jannar 2025.

Ghaqda Dilettanti Hamiem tal-Giri Fgura.

Ghaziz Sindku u Kunsilliera,

Il-Kumitat u l-membri huma grati, li l-Kunsill ghal ewwel darba

Jista' jkun l-Isponser Ewlieni, tat-Trophies Stagun 2024/2025.

F'kaz li jkun hemm Qbil, infurmawna biex naghmlu l-logo tal-Kunsill fuq kull Trophy.

Il-Kunsill ghandu jikkuntattja lil-kaxxier Jason Zammit, fuq in-numru 9998 1026.

Grazzi bil-Quddiem.

# Quote

**Quote# QT-000001**

Bill To
**Fgura Pigeon Club**

Quote Date : 24 Jan 2025

Subject :
End of Season Awards

| Item & Description | Qty | Unit Price | Amount |
|---|---|---|---|
| Short Distance Aggregates - 1st - 10th Place | 1 | 350.00 | 350.00 |
| Middle Distance Aggregates - 1st - 10th Place | 1 | 350.00 | 350.00 |
| Long Distance Aggregates - 1st - 10th Place | 1 | 380.00 | 380.00 |
| Overall Distance Aggregates - 1st - 10th Place | 1 | 420.00 | 420.00 |
| | | **Total** | **€1,500.00** |

(Dok D)

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Larkin Bonnici <larkin@fguraunitedfc.com> |
| **Sent:** | Friday, 14 February 2025 15:31 |
| **To:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council; Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Clayton Portelli Cascun |
| **Cc:** | Alvin Abdila; Stefan Vella |
| **Subject:** | Pjan ta' Hidma - FUFC |
| **Attachments:** | Pjan ta' Hidma - FLC FUFC 2025.xlsx |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Attached please find the action plan for the remainder of 2025.

Regards


**Larkin Bonnici**
MBA, MSc Marketing Management (University of Chester, England)
Post-grad. Cert Human Resource Management (Heriot-Watt University, Scotland)
BA (Hons) Business Enterprise (MCAST, Malta)

President
Fgura United Football Club
larkin@fguraunitedfc.com / +356 79933010

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| **Year 2025 budget** | | | |
| February | Carnival Bootcamp | | 600 |
| April | Down Syndrome Association Workshop | | 400 |
| April | Richmond foundation Sport day | | 600 |
| April | Hamis ix xirka event (lights) | | ~~300~~ |
| May | Penalty shoot out medals | | 1100 |
| August | Summer school set up and cost | | 1100 |
| August-September | International Training Camp | | 900 |
| August | End of season-event | | 950 |
| October | Foot screening event | | 700 |
| December | Sports psyhcology sessions | | 500 |
| December | December Christmas Party | | 750 |
| | | | |
| | | | |
| | | **Total** | **7900** |

7500

'Dok E'

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Scout Group - GSL <gsl@fgurascouts.org> |
| **Sent:** | Monday, 17 February 2025 19:29 |
| **To:** | Simmonds Ruth at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Cascun Portelli; Charles Bonello; Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council; Maria Tanti Lombardo; Francis Zammit |
| **Subject:** | Re: Budget Plan 2025 |
| **Attachments:** | Budget Plan_Fgura Scout Group 2025.xlsx |
| **Follow Up Flag:** | Follow up |
| **Flag Status:** | Flagged |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Ruth,

please vide in attachment the Fgura Scout Group Budget Plan for 2025 wherein the Group's is providing for a co-financing element that can support us in continuing our ongoing contribution within the locality of Fgura.

Please feel free to let us know, show you require any further information.

Yours in Scouting,

**Brian Farrugia**
GSL, Fgura Scout Group

62, Triq il-Kuluvert, Fgura, FGR1855
**t:** 21822635 | **m:** 99986466
Visit our website: www.fgurascouts.org
Follow Us on Facebook or Twitter
*VO Number: 0311*

On Wed, 29 Jan 2025 at 09:34, Simmonds Ruth at Fgura Local Council <ruth.simmonds@gov.mt> wrote:

Għeżież,

L-ittra annessa għall-attenzjoni tagħkom.

Grazzi.

Tislijiet,

Ruth Simmonds

għ/Gwenith Calleja

Segretarju Eżekkutiv
FGURA LOCAL COUNCIL

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

| Perjodu | Attivita | Spejjez Minimi li minghajr attivita tistgha ma ssirx | Stima ta# ko-finanzjament |
|---|---|---|---|
| Frar | Party tal-karnival | Il-Kiri tas-sala u cleaner | € 300.00 |
| Marzu | Church Parade fit-toroq tal-Fgura | Permess u Lesa fit-toroq | € ~~250.00~~ ? |
| April | Annual Parade | trasport ghat-tfal lejn il-Belt Vallettau lura fejn nirraprezentaw lil Fgura (2 Coaches) | € 240.00 |
| | Festa ta' l-Ghid - Duluri, Redentur, Hadd Il-Palm - akkumpanjament bil-marc u | Refreshments lit-tfal | € 300.00 |
| Mejju | Car Wash | Reklamar, materjal tal-hasil, spejjez ta' permessi u bowser ta' ilma | € 100.00 |
| Settembru | Church Parade fit-toroq tal-Fgura | Permess u Lesa fit-toroq | € ~~250.00~~ ? |
| | Car Wash | Reklamar, materjal tal-hasil, spejjez ta' permessi u bowser ta' ilma | € 100.00 |
| | Church Parade fit-toroq tal-Fgura | Permess u Lesa fit-toroq | € ~~250.00~~ ? |
| Novembru | Talent Show | Spejjez tas-sala, visual, sound u audio, reklamar, video u photography | € 800.00 |
| Dicembru | Milied Fil-Pjazza | Setup tat-Tinda fil-Pjazza, u armar mill-Iscouts ta' l-okkazzjoni + l-banda bit-tema tal-Milied u l-istand bil-crafts/rigali b'xejn lil pubbliku | € ~~2,000.00~~ |
| Total | | | € 4,590.00 |

'Dok F'

13.

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Tuesday, 11 February 2025 17:26 |
| **To:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council |
| **Subject:** | FW: EV Charging Pillars Identified Sites - Fgura |

**From:** ChargingPillars at MEEC <chargingpillars.meec@gov.mt>
**Sent:** Tuesday, February 11, 2025 1:22 PM
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Chircop Brandy at EWA-Contractors <brandy.chircop@contractors.gov.mt>; clayton <cascun4fgura@gmail.com>; charles bonello <charlesbonello2012@gmail.com>; Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>; Josianne S <josianne.scicluna1@gmail.com>; Raymond (Ray) Deguara <raydeguara62@gmail.com>; Dr Ryan <ryan@ryanellul.com>
**Subject:** RE: EV Charging Pillars Identified Sites - Fgura

Dear Ms Calleja,

Please excuse the late reply.

The sites are currently going through the Road Work Permit application phase.

Once these are done, we'll have a better idea of when works will commence.

Kind regards,


**Joseph Bezzina**
Professional Officer
CEO Office

t +356 22292059 e joseph.bezzina.2@gov.mt
www.energywateragency.gov.mt | EWA LinkedIn | EWA Facebook

**THE ENERGY AND WATER AGEN**

PINTO BUSINESS CENTI
TRIQ IL-MITĦNA, ĦAL QORMI, MAL


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Sent:** Tuesday, 28 January 2025 14:39
**To:** ChargingPillars at MEEC <chargingpillars.meec@gov.mt>
**Cc:** Chircop Brandy at EWA-Contractors <brandy.chircop@contractors.gov.mt>; clayton <cascun4fgura@gmail.com>; charles bonello <charlesbonello2012@gmail.com>; Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>; Josianne S <josianne.scicluna1@gmail.com>; Raymond (Ray) Deguara <raydeguara62@gmail.com>; Dr Ryan <ryan@ryanellul.com>; Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Subject:** RE: EV Charging Pillars Identified Sites - Fgura

Dear Joseph

Thanks for your email.

Kindly am asking that when an exact date of installation is stated, Fgura LC will be informed beforehand please.

Many thanks and regards

Gwenith Calleja
Executive Secretary

**From:** ChargingPillars at MEEC <chargingpillars.meec@gov.mt>
**Sent:** Tuesday, January 28, 2025 8:52 AM
**To:** Ryan Ellul <ryan@ryanellul.com>
**Cc:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>; Chircop Brandy at EWA-Contractors <brandy.chircop@contractors.gov.mt>; clayton <cascun4fgura@gmail.com>; charles bonello <charlesbonello2012@gmail.com>; Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>; Josianne S <josianne.scicluna1@gmail.com>; Raymond (Ray) Deguara <raydeguara62@gmail.com>
**Subject:** RE: EV Charging Pillars Identified Sites - Fgura

Dear Ms Calleja,

We are pleased to inform you that, following the conclusion of the consultations and permitting process, civil works for the first work package, encompassing 50 sites, are scheduled to commence in the coming weeks.

We wish to advise you that the following approved site/s in your locality has been included in this work package:

| Reference | Road | Charger Type |
|---|---|---|
| FGR-001-P | Triq AM Valperga | Medium |

Your cooperation in the developing of the site/s into a Public EV Charging Station is greatly appreciated. Should you require further clarification or additional information, please do not hesitate to reach out.

Yours sincerely,

**Joseph Bezzina**
Professional Officer
CEO Office

t +356 22292059 e joseph.bezzina.2@gov.mt
www.energywateragency.gov.mt | EWA LinkedIn | EWA Facebook

THE ENERGY AND WATER AGEN

'Dok G'

**Pace Zvetlana at Fgura Local Council**

**From:** Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Sent:** Wednesday, January 29, 2025 11:47 AM
**To:** Clayton Portelli Cascun
**Cc:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Pace Zvetlana at Fgura Local Council; Grech Robert at Fgura Local Council
**Subject:** FW: Centru Laburista Fgura - Talba ghal Un/Loading bay
**Attachments:** Centru Laburista Fgura - Talba ghal Un-Loading Bay.pdf

**From:** David Abdilla <abdillad@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, January 29, 2025 9:56 AM
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Busuttil Maria Dolores at Transport <doreen.busuttil@transport.gov.mt>
**Subject:** Centru Laburista Fgura - Talba ghal Un/Loading bay

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Is-Sindku
Kunsill Lokali Fgura

Ghaziz Sindku,

Annessa ma' din l-email, qieghed nibaghtlek applikazzjoni ghal Un/Loading Bay quddiem ic-Centru Laburista Fgura ghal perjodu ta' 3 sieghat biss fil-gimgha sabiex trakk tal-lumitata/Birra jkun jista jhott ix-xorb u jghabbi l-kaxxi l-vojta. Dan sabiex jigi evitat li t-trakk ikollu jieqaf fit-triq u tinholoq kongestjoni.

Grazzi u Tislijiet

David Abdilla
Segretarju
[illegible] Fgura
[illegible]9000099

Partit Laburista

Centru Laburista, 87, Triq Hompesch, Fgura
Mobile No. : 79000099

## Un/Loading Bay

28 ta' Jannar 2025

Lis-Sinjura Doreen Busuttil – Transport Malta
Is-Sur Clayton Cascun Portelli, Sindku Kunsill Lokali Fgura

Il-Kumitat tac-Centru Laburista Fgura, liema Centru jinsab fi Triq Hompesch, numru 87, qieghed jitlob permess sabiex issir Un/Loading Bay quddiem ic-Centru sabiex kull nhar ta' Erbgha, bejn id- 9 ta' filghodu u nofsinhar, trakk ta' General Soft Drinks ikun jista jisuplixxi l-Bottegin tac-Centru, bil-prodotti taghhom.

Din it-Triq hija wahda traffikuza hafna u fil-prezent, biex it-trakk ihott u jghabbi, ikollu jieqaf fit-triq quddiem ic-Centru bil-konsegwenzi li jitwahhal it-traffiku.

Ahna nemmnu illi din il-Bay, ghall-perjodu ta' 3 sieghat biss fil-gimgha, tghin sabiex tigi evitata sitwazzjoni li qeghdha tohloq periklu fit-triq.

Grazzi u Tislijiet

David Abdilla
Segretarju
Mob : 79000099

'Dok H'
25.

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Cassar Ritianne at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Saturday, 15 February 2025 21:43 |
| **To:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Cascun Portelli |
| **Subject:** | Rizenja KL Fgura |
| **Follow Up Flag:** | Follow up |
| **Flag Status:** | Flagged |

Sa Gwenith Calleja
Segretariu Ezekuttiv
Kunsill Lokali Fgura
126/128
Triq Hompesch
Fgura

Is-( )15 ta' Frar 2025

Ghaziza Sna Calleja,

Qed nibghatlek din l-imejl bhala rizenja ufficjali tal-impjieg tieghi minn mal-Kunsill Lokal tal-Fgura.

Nirringrazzja lilek, l-istaff tieghek u kif ukoll il-membri tal-Kunsill ta' dawn l-ahhar 14 -il sena hidma fein matulhom kbirt u tghallimt bil-bosta.

Ghaldaqstant gentilment nitolbok sabiex tinfurmani rigward in-notice period, kif ukoll kemm fadalli time off in lieu u leave anke dak carried forward iekk iogghbok. In-notice period jibda jghodd min nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2025.

Gentilment nitolbok ukoll sabiex tinhadem il-progression minn skala 11 ghal skala 10 skond l-ahhar Collective Agreement.

Nirringrazzjak bil-quddiem

Tislijiet

Ritianne Bonnici